ĦAŻ-ŻABBAR
Citta` Hompesch

## MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar

## IS-SEBA' LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 498**

**It-Tnejn 20 t'Awwissu, 2018**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' fl-Uffiċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq iċ-Ċawsli, Ħaż-Żabbar, fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Marc Vella Bonniċi – Sindku
Mark Grech – Viċi-Sindku
Joseph Buttigieg – Kunsillier
John J Pace – Kunsillier
Joseph Vella – Kunsillier
Brian Spiteri – Kunsillier
Anna Calleja – Kunsilliera
Joseph Agius – Kunsillier
Roderick Vella – Kunsillier
Julian Paul Scicluna – Kunsillier
Joseph Bonnici – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI**

Ma kien hemm ħadd assenti

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Ranier Busuttil – Aġent Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku ppresieda l-laqgħa.

**498.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

498.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

**498.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

498.2.1 Il-minuti tal-497 laqgħa ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sur Roderick Vella.

**498.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

498.3.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal illi l-kumpanija *Malta Textile Recycling* uriet l-interess li tqiegħed *textile recycling bins* f'Ħaż-Żabbar. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv żied jgħid illi l-kumpanija *Malta Textile Recycling* kienet lesta li toffri €20 għal kull *textile recycling bin* li jitpoġġa fil-lokalità.

498.3.2 Il-Viċi-Sindku talab sabiex il-Kunsill jitlob parir lill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali qabel ma jilqa' it-talba tal-kumpanija *Malta Textile Recycling.* Fuq proposta tal-Viċi-Sindku li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li ~~ma jaċċettax it-talba tal-kumpanija *Malta Textile Recycling*~~ jżomm din it-talba pendenti sakemm jingħata l-parir. (Emendati)

498.3.3 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi kien irċieva korrispondenza mingħand iċ-Ċentru Malti tal-Arbitraġġ dwar seduta li ser issir b'konnessjoni mat-talba għall-ħlas li qed issir mis-Sur Matthew Galea relatata mal-ħsara li għamel fil-vettura tiegħu fi Triq iċ-Ċimiterju kantuniera ma' Triq il-Fiġel, Ħaż-Żabbar. Is-Sindku qal illi kien għadda din il-korrispondenza lill-avukat tal-Kunsill.

498.3.4 Is-Sindku qal li kellu laqgħa mal-kumitat tal-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel u ġiet diskussa l-possibilità li ssir maratona ta' 5 kilometri u maratona ta' 3 kilometri f' Ħaż Żabbar nhar il-Ħadd 26 t' Awwissu 2018 bil-kollaborazzjoni mal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Julian Paul Scicluna, il-Kunsill qabel unanimament li jorganizza din l-attività flimkien mal-għaqda, liema spiża m'għandhiex teċċedi l-ammont ta' €3,000.

498.3.5 Fuq proposta tas-Sur Brian Spiteri li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jorganizza l-Kunċert Strumentali fl-okkażjoni tal-Festa tal-Madonna tal-Grazzja bil-kollaborazzjoni mal-Għaqda Madonna tal-Grazzja, Banda San Mikiel nhar il-Ħadd 2 ta' Settembru 2018 fuq il-planċier f'Misraħ is-Sliem, liema spiża m'għandhiex teċċedi l-ammont ta' €1,164.

498.3.6 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur John J Pace, il-Kunsill qabel unanimament li jinxtraw żewġ strumenti mużikali sabiex jintużaw mill-istudenti waqt il-korsijiet tal-mużika 'Skola Banda', liema spiża m'għandhiex teċċedi l-ammont ta' €2,000.

498.3.7 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Julian Paul Scicluna, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur David Grech jiknes u jbattal id-*dustbins* ta' Ġnien il-Kunsill, Ġnien Tamara Psaila u Ġnien il-Mistrieħ mit-Tnejn sas-Sibt għall-prezz ta' €25 kuljum.

498.3.8 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi s-Sur Alfred Buhagiar beda jaħdem mal-Kunsill taħt l-iskema *Community Work Scheme.*

**498.4 Il-Festa f'Ħaż-Żabbar**

498.4.1 Is-Sindku tkellem dwar il-preparamenti għall-festa u qal illi l-każini ser ikunu qed jiġu nfurmati dwar il-ġbir tal-iskart matul il-ġranet tal-festa. Is-Sindku qal ukoll illi kienu saru diskussjonijiet dwar it-tindif li ser isir mill-kuntrattur responsabbli mill-ġbir tal-iskart domestiku sabiex jiġi assigurat illi matul iċ-ċelebrazzjonijiet ikun hemm indafa fit-toroq tal-lokalità. Is-Sindku qal ukoll illi kienu ser jinkrew *mobile toilets* u ser jitpoġġew f'postijiet differenti f'Ħaż-Żabbar.

498.4.2 Is-Sindku tkellem dwar il-permessi għal tqegħid ta' posti u kjosks fil-jiem tal-festa u qal illi fis-16 t'Awwissu, 2018 kienu bdew jinħarġu l-permessi. Is-Sindku żied jgħid illi l-permessi għal tqegħid ta' posti u kjosks kienu qed jinħarġu bħas snin preċedenti.

498.4.3 Is-Sur Joseph Agius staqsa jekk il-Kunsill kienx qed jitlob lill-bejjiegħa jipprovdu kopja taċ-ċertifikat maħruġ mid-Direttorat tal-Ambjent u s-Saħħa, mill-*Health Certification and Consultation Unit* fejn juri li l-applikant, huwa approvat u ċertifikat li jista' jbiegħ l-ikel. Is-Sindku qal illi l-applikanti kienu qed jiffirmaw dikjarazzjoni li għandhom ċertifikat li juri li jistgħu jbiegħu l-ikel.

498.4.4 Is-Sinjura Anna Calleja talbet sabiex jitpoġġew iktar *bins* fi Ġnien il-Kunsill matul il-jiem tal-festa.

498.4.5 Dwar ir-riċeviment tal-festa li ser isir nhar il-Ġimgħa 31 t'Awwissu 2018 fis-7.30 ta' filgħaxija fiċ-Ċentru Ċiviku, il-Kunsill fuq proposta tas-Sur John J Pace li ġiet issekondata mis-Sindku, qabel unanimament li l-ikel għal dan ir-riċeviment jiġi ordnat mingħand *Baron Confectionery.*

498.4.6 Is-Sindku informa lill-Kunsillieri dwar iż-żjara tad-delegazzjoni Ġermaniża li ser iżżur Ħaż-Żabbar għal żmien il-festa.

498.4.7 Is-Sur Brian Spiteri nforma lill-Kunsill illi nhar is-Sibt 25 t'Awwissu 2018 fit-7.45 ta' filgħaxija, l-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel kienu ser jorganizzaw Esebizzjoni Nazzjonali tal-Briju u l-Armar u li għalih kienet ser tattendi l-Eċċellenza Tagħha l-President Marie Louise Coleiro Preca.

498.4.8 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi fil-21 t'Awwissu 2018 kienet ser issir l-inawgurazzjoni tar-restawr tal-kwadru titulari inkurunat tal-Madonna tal-Grazzja.

498.4.9 Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien irċieva stedina mingħand il-Kumitat tal-Klabb tal-Boċċi għal riċeviment li ser isir nhar il-Erbgħa 22 t'Awwissu 2018 fis-7.00 ta' filgħaxija fl-okkażjoni tar-rebħ tal-kampjonat 2017-2018.

**498.5 Aġġudikazzjoni ta' kuntratti**

- **Offerti għas-servizz ta' knis u qtugħ ta' ħaxix b'mod li jitħares l-ambjent (ZLC 1/2018)**

498.5.1 Inqara r-rapport li tħejja mill-Bord ta' Evalwazzjoni tal-Kunsill dwar l-offerti li ġew sottomessi għas-servizz ta' knis u qtugħ ta' ħaxix b'mod li jitħares l-ambjent (ZLC 1/2018). Fid-deċiżjoni tiegħu l-Bord ikkonkluda li ħadd mill-operaturi ekonomiċi li pparteċipaw f'din is-sejħa ma kienu jikkwalifikaw. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal illi kienu ġew sottomessi sitt offerti; erba' operaturi ekonomiċi kienu *overbudget* u żewġ operaturi ekonomiċi ma kienux konformi mar-rekwiżiti tal-kuntratt. Fuq proposta tas-Sur Roderick Vella li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill approva r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat t'Evalwazzjoni u talab li jitkompla l-proċess sabiex din id-deċiżjoni tiġi komunikata lill-offerenti involuti permezz *tal-Electronic Public Procurement System.*

498.5.2 Fuq proposta tas-Sur Joseph Vella li ġiet issekondata mis-Sur Roderick Vella, il-Kunsill qabel unanimament li tinħareġ b'urġenza sejħa għall-offerti tal-kuntratt għas-servizz ta' knis u qtugħ ta' ħaxix f'toroq urbani b'mod li jitħares l-ambjent (ZLC 8/2018), u tkun miftuħa għal perjodu ta' ħmistax-il ġurnata.

498.5.3 Is-Sindku tkellem dwar diversi lmenti li l-Kunsill kien qed jirċievi mir-residenti dwar is-Sur Ronald Bezzina, il-kuntrattur responsabbli mill-knis u l-qtugħ ta' ħaxix (ZLC 4/2014). Is-Sindku qal illi t-tindif ta' toroq ma kienx qed isir b'mod regolari u li f'uħud mit-toroq il-knis u l-qtugħ ta' ħaxix kien qed isir biss wara li l-Kunsill ikun ressaq l-ilment tar-residenti lill-kuntrattur.

498.5.4 Is-Sindku qal ukoll illi minkejja li fil-passat is-Sur Ronald Bezzina kien ingħata *default notice,* is-servizz xorta ma kienx qiegħed ikun dak mixtieq.

498.5.5 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi s-Sur David Grech kien lest li joffri s-servizz ta' knis u qtugħ ta' ħaxix għall-prezz ta' €4,950, eskluż il-vat, fix-xahar sakemm jintemm il-proċess tal-offerti għas-servizz ta' knis u qtugħ ta' ħaxix f'toroq urbani b'mod li jitħares l-ambjent (ZLC 8/2018). Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li s-servizz ta' knis u l-qtugħ ta' ħaxix jibda jsir mis-Sur David Grech.

498.5.6 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Viċi-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li jitlob l-approvazzjoni tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali skond

il-linji gwida 3.5 biex sakemm jitlesta l-proċess tal-offerti tal-kuntratt għas-servizz ta' knis u qtugħ ta' ħaxix f'toroq urbani b'mod li jitħares l-ambjent (ZLC 8/2018), il-Kunsill jingħata konċessjoni sabiex jagħti *direct order* għal erba' xhur konsekuttivi lis-Sur David Grech għall-prezz ta' €4,950 eskluż il-vat fix-xahar.

**498.6 Deċiżjonijiet dwar il-kuntratti;**

- **Kuntratt għas-servizz tal-ġbir ta' skart goff (ZLC 3/2017)**

498.6.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li l-kuntratt (ZLC 3/2017) li l-Kunsill għandu għas-servizz ta' ġbir ta' skart goff mas-Sur Ronald Bezzina kien ser jagħlaq fl-20 t'Ottubru 2018 u l-Kunsill irid jiddeċiedi jekk iġedditx dan il-kuntratt għal sena oħra jew le. Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li dan il-kuntratt jiġi mġedded għal sena addizzjonali taħt l-istess rati u kundizzjonijiet.

- ***Resurfacing* ta' Triq Ħas-Sajjied taħt miżura 4.3 tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (ZLC 6/2018)**

498.6.2 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi l-kuntrattur *Dimbros Limited,* li kien ingħata l-kuntratt għar-*resurfacing* ta' Triq Ħas-Sajjied taħt miżura 4.3 tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (ZLC 6/2018), naqas milli jippreżenta l-garanzija bankarja, il-polza ta' assigurazzjoni, kif ukoll milli jiffirma l-kuntratt. Dan minkejja li l-ittra ta' aċċettazzjoni ilha li ntbgħatet lilu mill-20 Ġunju 2018 u wara din id-data saru diversi tentattivi oħra biex jiġi ffirmat il-kuntratt.

498.6.3 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Vella, il-Kunsill qabel unanimament li l-kuntratt jingħata lil *Road Maintenance Limited* li kien għamel l-offerta ta' €185,209 eskluż il-vat u li kien l-operatur ekonomiku li għamel l-orħos offerta wara dik mingħand *Dimbros Limited.*

498.6.4 Is-Sindku rrefera għall-miżura 4.3 tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (ZLC 6/2018) u qal illi l-Kunsill kien ser jitlob lill-EAFRD estenzjoni għall-*completion date* sabiex ix-xogħol ta' *resurfacing* ta' Triq Ħas-Sajjied jitlesta f'Ottubru 2018.

- **Servizz ta' Tindif ta' Toroq mhux Urbani (ZLC 5/2015)**

498.6.5 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-kuntratt għas-servizz ta' tindif ta' toroq mhux urbani li għandu mas-Sinjura Vincenza Camilleri kien skada u qal illi dan il-kuntratt ma jistax jerġa' jiġi mġedded għal sena oħra. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri, il-Kunsill qabel unanimament li ma joħroġx sejħa ġdida għall-offerti u minflok tinġieb stima qabel ma jsir it-tindif.

498.6.6 Is-Sur Joseph Bonnici semma l-ħtieġa li titnaddaf Triq il-Foss peress illi kien hemm ħafna ħaxix ħażin.

**498.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

498.7.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill l-iskeda tal-ħlasijiet għall-perjodu mill-24 ta' Lulju, 2018 sal-20 t'Awwissu 2018 li kien jammonta għal €102,053.86. Dan ġie approvat unanimament fuq proposta tas-Sur Brian Spiteri li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Vella.

498.7.2 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri, il-Kunsill approva unanimament il-*petty cash* għax-xahar ta' Lulju li kien jammonta għal €56.65.

**498.8 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

498.8.1 Is-Sur Joseph Vella ressaq ilment li kien irċieva mingħand ir-residenti fi Triq San Anard u talab biex terġa' titwaħħal it-tabella sabiex ma jgħaddux inġenji kbar minn Triq San Anard peress illi din it-tabella kienet inqalgħet.

498.8.2 Is-Sur Joseph Vella qal illi r-*road hump* fi Triq San Anard kienet inkisret u talab sabiex issir bit-*tarmac* minflok tal-lakstu.

498.8.3 Is-Sur Joseph Vella semma l-ħtieġa li jsir xogħol ta' manutenzjoni fuq diversi bankini u talab lis-Sindku jinforma lill-Kunsill dwar kif kien qed jitqassam ix-xogħol. Is-Sindku qal illi meta jidħol ilment relatat mal-bankini il-ħaddiem tal-Kunsill kien imur jieħu r-ritratti tal-bankina. F'każ li l-bankina ma tkunx kbira il-manutenzjoni kienet qed issir bil-ħaddiema tal-Kunsill, il-kumplament kienu qed isiru mill-kuntrattur responsabbli mill-manutenzjoni ta' toroq. Is-Sindku żied jgħid illi kien hemm xogħol ta' manutenzjoni ta' bankini li kienu ser isiru mill-ħaddiema tal-*Works Division* u l-Kunsill kien ser iħallas tal-materjal biss.

498.8.4 Is-Sur Joseph Vella talab biex il-Kunsill jikteb formalment lill-Awtoritajiet konċernati dwar id-dar li hemm f' Misraħ San Nikola peress illi waslet biex tiġġarraf. Il-Viċi-Sindku qal illi din iż-żona kienet ser tibda tiġi frekwentata aktar ta' spiss minħabba l-proġett ta' tisbiħ li ser isir mill-Kunsill.

498.8.5 Is-Sur Roderick Vella qal illi fi Triq Villabate, fl-għalqa li hemm faċċata ta' *Dave's Supermarket,* kien hemm ħafna ġrieden. Is-Sur Vella talab sabiex il-Kunsill jgħaddi dan l-ilment lid-Dipartiment tas-Sanità.

498.8.6 Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi kien deher avviż f'ġurnal lokali dwar talba għal żvilupp fi Triq tal-Labour. Is-Sur Buttigieg talab sabiex il-Kunsill joġġezzjona għal dan l-iżvilupp. Is-Sindku qal illi t-talba ma kinitx saret sabiex isir żvilupp iżda sabiex issir reviżjoni tad-*development zone.*

498.8.7 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi kienet saret applikazzjoni mal-*Planning Authority* bin-numru PA 5917/18 sabiex fi Triq Villabate issir kostruzzjoni ta' pompa tal-fjuwil flimkien ma' diversi faċilitajiet oħra relatati. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Roderick Vella, il-Kunsill qabel unanimament li joġġezzjona mal-*Planning Authority* għal dan il-proġett propost fi Triq Villabate.

498.8.8 Is-Sur Joseph Buttigieg talab sabiex isir *traffic management* fl-inħawi ta' Triq Leli Tabone, Triq Spadaro, Triq il-Marloċċ u l-madwar.

498.8.9 Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi kienu qed jidħlu vetturi kbar fi Triq Santa Duminka u dan kien qiegħed joħloq problema peress illi din il-parti tat-triq ma tiflaħx vetturi kbar. Is-Sur Buttigieg talab sabiex il-Kunsill jikteb lill-kumpanija LESA biex f'din it-triq isir infurzar lokali.

498.8.10 Is-Sur Joseph Buttigieg talab sabiex isir xogħol ta' manutenzjoni fuq il-bankina fi Triq il-Kbira, fil-parti li tagħti għal Misraħ is-Sliem.

498.8.11 Is-Sinjura Anna Calleja talbet sabiex jitwaħħlu *slow signs* fil-parti ta' isfel ta' Triq il-Kunvent.

480.9.2 Is-Sinjura Anna Calleja talbet sabiex tintbgħat ittra lir-residenti ta' Triq l-Iskola, Triq Santa Tereża u l-madwar sabiex ma joħorġux il-borża s-sewda tal-iskart minn filgħaxija. Is-Sinjura Calleja qalet ukoll illi hemm xi residenti li qed joħorġu l-iskart goff matul il-ġurnata tal-Ħadd. Is-Sinjura Calleja talbet biex jintbgħat ukoll kennies sabiex jiknes dawn it-toroq.

498.8.12 Is-Sinjura Anna Calleja semmiet il-ħtieġa li tittella' kampanja edukattiva favur l-ambjent.

498.8.13 Is-Sur Joseph Agius qal illi xi operaturi ta' negozji fi Triq is-Santwarju mhux qed joħorġu l-boroż tal-iskart fil-ħin.

498.8.14 Is-Sur Joseph Agius talab sabiex il-Kunsill jikteb lis-Supretendent tal-Pulizija u jitlob li jintbgħatu l-pulizija tad-distrett iktar ta' spiss biex jagħmlu ronda f'Ħaż-Żabbar sabiex b'hekk jonqos ir-rimi ta' skart f'Ħaż-Żabbar.

498.8.15 Is-Sur Joseph Agius reġa' semma l-ħtieġa li jingħata wiċċ ġdid fi Trejqet San Ġorġ Preca u talab biex għalissa jsir *patching* fit-triq peress illi kienet mimlija ħofor perikolużi. Is-Sindku qal illi l-manutenzjoni tat-toroq waqgħu taħt ir-responsabbilta` tal-Aġenzija tat-Toroq.

498.8.16 Is-Sur Joseph Agius irrefera għall-korrispondenza mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar talba sabiex jintbgħatu d-dettalji tal-kuntratturi li hemm mal-Kunsilli Lokali, u qal illi l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali ma taqbilx li għandha tingħata din l-informazzjoni minħabba diversi raġunijiet. Is-Sur Agius

talab sabiex il-Kunsill ma jgħaddix id-dettalji tal-kuntratturi lid-Dipartiment. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi din l-informazzjoni diġa kienet ġiet mogħddija lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

498.8.17 Is-Sur John J Pace talab sabiex titneħħa s-*central strip* li hemm fi Triq il-Vittorja. Is-Sur Pace qal illi Triq il-Vittorja hija *one way* u s-*central strip* kienet qed isservi biss sabiex jitpoġġew il-boroż tal-iskart. Is-Sur Joseph Buttigieg ma qabilx mas-suġġeriment tas-Sur John J Pace u qal illi s-*central strip* kienet qed issolvi l-problema tal-ilma tax-xita minħabba l-għarar. Il-Viċi-Sindku qal illi jekk titneħħa s-*central strip* kien ser jinħoloq periklu għal min ikun qed jaqsam minn fuq iż-*zebra crossing.*

498.8.18 Is-Sur Roderick Vella ssuġġerixxa sabiex issir bankina minflok is-*central strip* li hemm fi Triq il-Vittorja. Is-Sur Joseph Bonnici talab sabiex il-bankina issir b'tali mod li l-vetturi ma jkunux jistgħu jitilgħu jipparkjaw fuq il-bankina.

**498.9 Mozzjonijiet; u**

498.9.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**498.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

497.10.2 Il-laqgħa spiċċat fis-7.15 ta' filgħaxija.

IFFIRMATA
Ranier Busuttil
Aġent Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fl-499 laqgħa li saret nhar it-Tnejn 24 ta' Settembru, 2018.

IFFIRMATA
Marc Vella Bonnici
Sindku